A.L. 39 ta' l-2008

ATT DWAR L-AWTORITA' MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS* (KAP. 419)

Ordni ta' l-2008 dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, il-Ministru għall-Kompetitività u Komunikazzjoni għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Ordni ta' l-2008 dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija Dwar l-i*Standards*.

Tifsiriet.

2. F'dan l-Ordni, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*;

"Kap ta' Direttorat" tfisser il-persuna maħtura f'dik il-kariga skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3(17) ta' l-Att;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*.

Twaqqif ta' Direttorati.

3. Għandhom jitwaqqfu dawk id-Direttorati fl-Awtorità skond l-artikolu 3(14) ta' l-Att, li jkollhom dawk il-funzjonijiet u responsabbiltajiet kif murija fl-iskeda relattiva għal kull wieħed minn dawk id-direttorati, kif ġej:

(a) Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji (l-Ewwel Skeda);

(b) Direttorat għal l-Istandardizzazzjoni (It-Tieni Skeda);

(ċ) Direttorat tal-Metroloġija (It-Tielet Skeda);

(d) Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq (Ir-Raba' Skeda).

Kap u funzjonijiet tad-Direttorati.

4. (1) Kap ta' Direttorat jinħatar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3(17) ta' l-Att.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Ordni, id-Direttorat għandu jkun funzjonalment indipendenti mill-Awtorità għarrigward ta' affarijiet sostantivi u, iktar speċifikament, dwar affarijiet tekniċi fil-limiti tal-kompetenza tiegħu. B'mod partikolari, id-Direttorat ikun indipendenti minn kull struttura oħra jew uffiċjal ieħor fi ħdan l-Awtorità f'dik li hi l-implimentazzjoni tal-funzjonijiet elenkati fl-iskeda relattiva għal kull Direttorat.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2), d-Direttorat għandu jopera kif suġġett għall-kontroll amministrattiv u finanzjarju ta' l-Awtorità kif provdut fl-Att u bla ħsara għall-politika ġenerali ta' l-Awtorità.

Kumitati tekniċi.

5. (1) Il-Kap ta' Direttorat jista', bi ftehim mal-Ministru u ma' l-Awtorità, jwaqqaf kumitati tekniċi sabiex jipprovdi pariri xjentifiċi u tekniċi kif meħtieġ bl-artikolu 16(*b*)(iii) ta' l-Att fl-oqsma ta' kompetenza indikati f'kull skeda relattiva li tinsab ma' dan l-Ordni.

(2) Il-membri tal-kumitati tekniċi għandhom jinħatru mill-Ministru bil-parir tal-Kap ta' Direttorat.

(3) Il-Kap ta' Direttorat għandu jippresjedi u jikkordina lill-kumitati tekniċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

(4) Il-Kap ta' Direttorat ma jkollux jedd jivvota fil-kumitati tekniċi.

(5) Il-Kap ta' Direttorat ikollu r-responsabbiltà li jiżgura l-kompetenza, l-imparzjalità, t-trasparenza u l-indipendenza tal-kumitati tekniċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

(6) Il-Ministru jista', bil-parir tal-Kap ta' Direttorat, ineħħi, jissostitwixxi jew jissospendi lil xi membru ta' kumitat tekniku, jekk dan jitqies meħtieġ mill-Ministru sabiex ikun jista' jikseb il-ħtiġiet imsemmija fis-subregolament (5).

Thassir ta' A.L. 213 ta' l-2000.

6. L-Ordni ta' l-2000 dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* qiegħed b'dan jiġi mħassar.

L-EWWEL SKEDA

Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji

1. Funzjonijiet u Responsabilitajiet ta' l-Unità għal l-Oġġetti għall-Konsum u għall-Industrija taħt id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji

(*a*) jabbozza leġislazzjoni dwar l-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda u maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u b'kull liġi oħra;

(*b*) jagħti parir lill-Ministru, lill-Awtorità u lil aġenziji oħra tal-Gvern u lis-settur privat, dwar din il-leġislazzjoni u kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam magħha;

(*ċ*) jassisti s-setturi kollha ta' l-industrija biex jifhmu u jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali imposti b'regolamenti tekniċi, maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u b'kull liġi oħra, u l-ħtiġiet ta' teknika, kwalità u sigurtà ta' *standards* armonizzati sew Ewropej sew internazzjonali maħruġa bis-saħħa ta' l-Att;

(*d*) jikkordina u jimplimenta l-programmi regolatorji u ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità fl-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda u, b'mod partikolari, jeżerċita l-funzjonijiet konsultattivi mogħtija lill-Awtorità bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u b'kull liġi oħra;

(*e*) jistabbilixxi, bil-kunsens tal-Ministru u taċ-*Chairman* ta' l-Awtorità, kumitati tekniċi għal dawk l-oqsma ta' kompetenza li huma indikati hawn f'dan il-paragrafu, u li jippresjedi u jikkordina x-xogħol ta' dawk il-kumitati li jirrigwarda:

1. Vetturi bil-mutur
2. Riskju mill-elettriku u tagħmir ta' l-elettriku
3. Kompatibilità elettromanjetika
4. Tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjonijiet
5. Ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija
6. Apparat mekkaniku
7. Tagħmir protettiv personali
8. Prodotti għall-kostruzzjoni
9. Inġenji tal-baħar għal użu rikreattiv
10. Apparat mekkaniku
11. Reċipjenti li jaħdmu taħt pressjoni
12. Ġugarelli
13. Tagħmir li jaħdem bil-gass
14. Ħsejjes kaġunati minn vetturi u makkinarju
15. Oġġetti pirotekniċi;

(*f*) jagħmilha ta' punt fokali għal kull ħtieġa ta' notifikazzjoni li tinvolvi lill-Awtorità, sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-moviment liberu ta' l-oġġetti;

(*g*) jifformula u jagħti seħħ lil programmi ta' għajnuna teknika indirizzati lejn operaturi fil-kummerċ bil-għan li jiġi faċilitat it-tħaris min-naħa tagħhom ta' regolamenti tekniċi u *standards* relevanti;

(*h*) iwassal lill-pubbliku ġenerali u lil partijiet interessati kull informazzjoni li tolqot il-programmi regolatorji u ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità fl-oqsma ta' kompetenza indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda;

(*i*) jipprovdi taħriġ u informazzjoni dwar regolamenti u *standards* tekniċi fl-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda;

(*j*) jirrappreżenta lill-Awtorità f'attivitajiet relevanti sew nazzjonali sew internazzjonali;

(k) iwettaq valutazzjoni tar-riskji u jikkoordina l-attivitajiet tas-sorveljanza fuq is-suq kif imsemmija f'artikolu 27 ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, (Kap. 427);

(l) iwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jordna.

2. Funzjonijiet u Responsabilitajiet ta' l-Unità għal Oġġetti ta' Ikel, Kimiċi, Pestiċidi u Kostmetiċi taħt id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji

(*a*) jabbozza leġislazzjoni dwar l-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda u maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi u l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

(*b*) jagħti parir lill-Ministru, lill-Awtorità u lil aġenziji oħra tal-Gvern u lis-settur privat, dwar din il-leġislazzjoni u kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam magħha;

(*ċ*) jassisti s-setturi kollha ta' l-industrija biex jifhmu u jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali imposti b'regolamenti tekniċi, maħruġa bis-saħħa ta' l-Atti msemmija fil-paragrafu (*a*) ta' din l-Iskeda, u l-ħtiġiet ta' teknika, kwalità u sigurtà ta' *standards* armonizzati sew Ewropej sew internazzjonali maħruġa bis-saħħa ta' l-Att;

(*d*) jikkordina u jimplimenta l-programmi regolatorji u ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità fl-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda u, b'mod partikolari, jeżerċita l-funzjonijiet konsultattivi mogħtija lill-Awtorità bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, bl-Att dwar is-Sigurta' fl-Ikel, u b'kull liġi oħra;

(*e*) jistabbilixxi, bil-kunsens tal-Ministru u taċ-*Chairman* ta' l-Awtorità, kumitati tekniċi għal dawk l-oqsma ta' kompetenza li huma indikati hawn f'dan il-paragrafu, u li jippresjedi u jikkordina x-xogħol ta' dawk il-kumitati li jirrigwarda:

1. Oġġetti ta' l-ikel, inkluż materjal għall-produzzjoni tagħhom
2. Ilma
3. Xarbiet alkoħoliċi
4. Fertilizzanti u għalf ta' l-annimali
5. Sustanzi, prodotti u preparazzjonijiet kimiċi
6. Prodotti mediċinali u farmaċewtiċi
7. Prodotti kosmetiċi
8. Tessili u xidd is-saqajn
9. Ħġieġ, injam, karti u metall u prodotti magħmulin minnhom
10. Materjal għall-ippakkjar;
11. Pestiċidi;

(*f*) jagħmilha ta' punt fokali għal kull ħtieġa ta' notifikazzjoni li tinvolvi lill-Awtorità, sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-moviment liberu ta' l-oġġetti;

(*g*) jifformula u jagħti seħħ lil programmi ta' għajnuna teknika indirizzati lejn operaturi fil-kummerċ bil-għan li jiġi faċilitat it-tħaris min-naħa tagħhom ta' regolamenti tekniċi u *standards* relevanti;

(*h*) iwassal lill-pubbliku ġenerali u lil partijiet interessati kull informazzjoni li tolqot il-programmi regolatorji u ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità fl-oqsma ta' kompetenza indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda;

(*i*) jipprovdi taħriġ u informazzjoni dwar regolamenti u *standards* tekniċi fl-oqsma indikati fil-paragrafu (*e*) ta' din l-Iskeda;

(*j*) jirrappreżenta lill-Awtorità f'attivitajiet relevanti sew nazzjonali sew internazzjonali;

(k) iwettaq dawk il-funzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel kif imsemmija f'artikolu 7A ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, (Kap. 449);

(l) iwettaq id-dmirijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430) u l-leġislazzjoni sussidjarja tagħha, li huma:

1. Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (A.L.115 ta' l-2004);

2. Regolamenti dwar l-Ogħla Livelli ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Pjanti (A.L.199 ta' l-2004);

3. Regolamenti dwar il-Bijoċidji (A.L. 294 ta' l-2004);

4. Regolamenti dwar Metodi tal-Komunità Ewropea ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' fdal ta' Pestiċidi fi u fuq Prodotti ġejjin mill-Pjanti u mill-Annimali (A.L.479 ta' l-2004);

5. Regolamenti dwar l-Ogħla Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimal (A.L.117 ta' l-2005);

6. Regoli dwar Attivitajiet li jirrigwardaw l-Użu Professjonali ta' Prodotti Tossiċi (A.L.350 ta' l-2005);

(m) iwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jordna.

IT-TIENI SKEDA

Funzjonijiet u Responsabilitajiet tad-Direttorat għal-iStandardizzazzjoni

(*a*) jabbozza *standards* skond il-programm ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità u joħroġhom bis-saħħa ta' l-Att;

(*b*) jadotta *standards* internazzjonali u joħroġhom bħala *standards* nazzjonali bis-saħħa ta' l-Att skond il-programm ta' standardizzazzjoni;

(*ċ*) jagħti parir lill-Awtorità li tħassar *standards* nazzjonali konfliġenti;

(*d*) jiżgura li l-partijiet kollha interessati jkunu rappreżentati suffiċjentement f'attivitajiet dwar standardizzazzjoni;

(*e*) jagħti parir lill-Ministru, lill-Awtorità u lil aġenziji oħra tal-Gvern u lis-settur privat, dwar materji ta' standardizzazzjoni u kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam ma' dan;

(*f*) jassisti s-setturi kollha ta' l-industrija jifhmu l-importanza ta' *standards* li jinħarġu bis-saħħa ta' l-Att;

(*g*) jikkordina u jimplimenta l-programm ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni ta' l-Awtorità f'dak li hu mmarkar b'mod konformi , inkjesta pubblika u *s u r v e y s* f u q ħtiġiet ta' standardizzazzjoni, bejgħ ta' *standards*, u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan;

(*h*) jistabbilixxi, bil-kunsens tal-Ministru u taċ-*Chairman* ta' l-Awtorità, kumitati tekniċi għal dawk l-oqsma ta' kompetenza li l-Awtorità tista' tidentifika, u jippresjedi u jikkordina x-xogħol ta' dawk il-kumitati;

(*i*) jagħmilha ta' punt fokali għal kull ħtieġa ta' notifikazzjoni li tinvolvi lill-Awtorità, sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-moviment liberu ta' l-oġġetti;

(*j*) jifformula u jagħti seħħ lil programmi ta' għajnuna teknika indirizzati lejn operaturi fil-kummerċ bil-għan li jiġi faċilitat it-tħaris min-naħa tagħhom ta' *standards* relevanti;

(*k*) iwassal lill-pubbliku ġenerali u lil partijiet interessati kull informazzjoni li tolqot il-programm ta' standardizzazzjoni ta' l-Awtorità;

(*l*) jipprovdi taħriġ u informazzjoni dwar materji ta' standardizzazzjoni u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan;

(*m*) jirrappreżenta lill-Awtorità f'attivitajiet relevanti sew nazzjonali sew internazzjonali u jesprimi vot nazzjonali dwar *standards* sew Ewropej sew Internazzjonali;

(*n*) iwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jordna.

IT-TIELET SKEDA

Funzjonijiet u Responsabilitajiet tad-Direttorat tal-Metroloġija

Il-funzjonijiet u responsabilitajiet tad-Direttorat tal-Metroloġija huma dawk moghtija lilu taħt l-Att dwar il-Metroloġija (Kap. 454) u taħt l-Ordni ta' l-2001 ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* (Twaqqif tad-Direttorat tal-Metroloġija), (A.L. 312 ta' l-2001).

IR-RABA' SKEDA

Funzjonijiet u Responsabilitajiet tad-Direttorat tas-Sorveljanza fuq is-Suq

Funzjonijiet u responsabilitajiet tad-Direttorati tas-Sorveljanza fuq is-Suq għandhom jkunu dawk stabbiliti taħt Taqsima II, III u Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Kap. 427).